SPACE SCOOP
Bringing news from across the Universe to kids all around the world

EU UNIVERSE AWARENESS

# 84 Miljun Stilla u iżjed



U n-numru tal-ġenn ma jieqfux hawn. Minn dan ir-ritratt ta' kwalità fantastika, l-astronomi jistgħu jaraw madwar 173 miljun oġġett, li minnhom madwar 84 miljun diġà ġew ikkonfermati li huma stilel! Dan huwa għaxar darbiet iżjed min-numru ta' stilel li l-astronomi setgħu jsibu qabel f'ritratti taċ-ċentru tal-galassja tagħna, li jisimha t-Triq ta' Sant'Anna.

"Minħabba li din l-informazzjoni ġdida tagħtina ħarsa lejn l-istilel kollha f'daqqa, nistgħu nagħmlu ċensiment tal-istilel kollha f'din il-parti tat-Triq ta' Sant'Anna," jgħid l-astronomu, Dante Minniti. L-astronomi diġà għamlu sejba interessanti billi studjaw dan ir-ritratt: Skoprew li hemm numru kbir ta' tip partikolari ta' stilla, li jissejħu 'nani ħomor mhux qawwija' (faint red dwarfs). Din hi aħbar kbira għall-kaċċaturi tal-pjaneti, għax in-nani ħomor mhux qawwija huma tajbin biex tfittixhom f'dinjiet imbiegħda.

Cool Fact: Dan ir-ritratt tant hu kbir li kieku jkun stampat bil-kwalità ta' ritratt normali ikun fih 9 metri mit-tul u 7 metri għoli! Hu kbir wisq biex tarah sew, l-aħjar mod li tarah hu fuq is-sit tal-ESO permezz tal-għodda tal-iżżumjar.

More information about EU-UNAWE Space Scoop: www.eu-unawe.org/kids/